**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 305/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi AB u CB izzewwgu fil-25 ta' Novembru 1990 mil-liema zwieg twieldet tifla, li illum ghandha 25 sena u li kwindi illum hija maggorenni;

Illi AB u CB sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia datat 18 ta' Mejju 1995, kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. A Ghaldaqstant il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 5.i. illi l-Mara iddekadiet milli tircievi manteniment minghand ir-Ragel, u ma hemm l-ebda provvediment li jindika illi r-Ragel kellu xi dritt li jitlob u/jew jircievi manteniment minghand il-Mara, kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni ai termini tal-klawzola numru 6, ir-Ragel kien obbliga ruhu illi jhallas lil mara manteniment ghal binthom ta' Lm5 fil-gimgha – illum il-gurnata bint il-partijiet ghandha 24 sena u ma hemm l-ebda kwistjonijiet bejn il-partijiet rigward il-manteniment ta' binthom;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin u ilhom separatai ghal aktar minn ghoxrin sena;

Illi di piu ir-rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt li tirreverti ghal kunjom xbubitha ai termini ta' l-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet AB u CB tal-25 ta' Novembru 1990 b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti terga' tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia S ai termini ta' l-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tal-Qorti u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Mejju 1995;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Schembri, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.